MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1347/2004

**Vella Falzon Building Supplies Limited (C27707)**

**Vs**

**Raymond Sammut (ID 625558M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm388.77c) billi ppremettiet illi s-socjeta' attrici ghamlet diversi xoghlijiet u kkonsenjat diversi materjali fl-iskola Maria Regina kif ukoll fl-iskola Brighella li jinsabu l-

Hamrun u dan fuq appalt moghti mill-FTS (Foundation for Tomorrow’s School). Illi l-konvenut kien gie nkarigat mill-FTS sabiex jivverifika l-kwantitajiet tax-xoghlijiet u materjali forniti mis-socjeta’ attrici. Illi minkejja li l-konvenut thallas ghal dan is-servizz mill-FTS, huwa baghat kont ghall-istess servizzi lis-socjeta’ attrici. Illi peress li ma kienetx taf li l-konvenut kien diga’ thallas minn haddiehor bi zball hallsitu.

Illi ghalhekk il-konvenut thallas indebitament mis-socjeta’ attrici li qed titlob ir-rifuzjoni ta’ din is-somma flimkien ma’ l-imghax legali a tenur ta’ l-Artikolu 1023 tal-Kodici Civili.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici, stante li ma sar l-ebda hlas indebitu lill-konvenut, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenut thallas is-skond il-ligi u specifikatament a tenur ta’ Tariffa K, Artikolu 5, ta’ Schedule A, tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12.

Sema’ x-xhieda ta’ Alex Vella Falzon, Christopher Pullicino, Raymond Sammut u tal-Perit David Pace.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Nicolai Vella Falzon ghas-socjeta’ attrici u ta’ Dr Michael Zammit Maempel ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-Foundation for Tomorrow’s Schools (FTS) kellha progetti f’zewgt iskejjel il-Hamrun, cjoe’ dik ta’ Maria Regina u dik ta’ l-iskola Brighella u s-socjeta’ attrici kienet inkarigata biex taghmel diversi xoghlijiet f’dawn l-iskejjel skond kif jirrizulta mid-dokument a fol 113 tal-process.

Illi l-kont totali ghax-xoghlijiet pprestati mis-socjeta' attrici ammontaw ghal tlieta u tletin elf tmien mija u sitt liri Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm33,806.45c) skond kif jidher mid-dokumenti esebiti minn fol 29 sa fol 101 tal-process.

Illi sabiex is-socjeta' attrici tithallas kien hemm bzonn li jinhareg il-Bill of Quantities li fil-fatt gie redatt mill-konvenut, izda l-konvenut irrifjuta li jirrilaxxa l-istess Bill of Quantities qabel ma jithallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm388.77c) mertu tal-kawza odjerna.

Illi eventwalment is-socjeta' attrici ndunat jew hasset li ma kienetx obbligata li thallas tali somma u ghalhekk pprezentat il-kawza odjerna sabiex tithallas lura din is-somma minghand il-konvenut billi jidhrilha li l-konvenut kien sodisfacentement imhallas mill-FTS.
Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut kien inkarigat mill-FTS kemm bhala Project Manager kif ukoll bhala Quantity Surveyor u proprju din l-ahhar kariga ta' Quantity Surveyor huwa rrediga l-Bill of Quantities u wasal ghall-konkluzjoni ta' l-ammont dovut lis-socjeta' attrici.  Il-Perit jikkontendi li huwa ghandu d-dritt li jithallas din is-somma a tenur ta' dak li hemm dispost f'Tariff K, Part 5, Paragraph A fejn ghall-kejl simili huwa ntitolat ghal tnejn fil-mija (2%).  Huwa ppretenda nofs dan it-tnejn fil-mija (2%) cjoe' wiehed fil-mija (1%) minghand is-socjeta' attrici u cjoe' tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm338) plus hmistax fil-mija (15%) VAT li jgibu l-ammont ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm388.77c).

Illi fil-fatt jirrizulta minghajr dubju illi l-Perit konvenut kien gie appozitament inkarigat mill-FTS u ma kienx gie nkarigat mill-atturi.  L-atturi pprestaw is-servizzi taghhom lill-FTS u mkien fid-dokument imsemmi ma kien hemm specifikat dwar min ghandu jhallas lill-Perit ghall-kejl tax-xoghol, izda stante li l-FTS inkarigat lill-konvenut kemm bhala Project Manager kif ukoll bhala Quantity Surveyor, it-Tribunal huwa tal-fehma illi meta l-konvenut accetta tali

kariga kien qed jaccetta wkoll illi jkun hu li jkun responsabbli sabiex johrog il-Bills of Quantities. Il-Perit konvenut ma kienx il-Perit inkarigat mill-progett izda l-funzjonijiet tieghu kienu biss limitati ghall-Project Management u Quantity Surveying u tas-servizz minnu moghti huwa thallas is-somma komplessiva ta’ tmien mija w erbgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm864.50c) (vide dokumenti a fol 28 u 29 tal-process) li jikkomprendu tlett mija u disghin lira Maltin (Lm390) Quantity Surveying liema somma tikkomprendi l-VAT.

Din is-somma ta’ tlett mija u disghin lira Maltin (Lm390) hija vicina hafna l-wiehed fil-mija (1%) plus VAT tax-xoghol kif imkejjel u dan nonostante illi l-ftehim mal-Perit konvenut kien li jithallas bis-sighat u mhux abbazi tal-valur.

Illi huwa principju ben assodat illi kull xoghol haqqu jigi ppremjat, izda galadarba kien hemm rabta kuntrattwali bejn il-Perit u l-FTS dwar il-kumpens lilu dovut, tas-servizz minnu moghti, l-Perit kellu dritt jesigi biss l-ammont miftiehem ma’ l-FTS u ma kellu l-ebda dritt li jesigi hlas ulterjuri minghand terzi persuni. Huwa accetta l-kariga li jaghmel il-Quantity Surveying u li johrog il-konsegwenti Bills of Quantities u huwa nkoncepibbli illi meta bniedem jaccetta rata ta’ kumpens ghal tali servizz, izomm f’mohhu illi ta’ l-istess servizz ser jithallas ukoll minghand xi haddiehor.

Galadarba jirrizulta illi kien hemm ftehim specifiku li gie milhuq bejn il-Perit u l-FTS, it-Tribunal jidhirlu illi l-Perit m’ghandux id-dritt javalla ruhu mid-dispozizzjonijiet ta’ Tariff K fil-konfront tas-socjeta’ attrici u dan billi tali agir da parti tal-Perit li jippretendi hlas abbazi ta’ Tariff K tmur kontra d-dispozizzjonijiet tal-ftehim li huwa lahaq ma’ l-FTS – iz-zewg talbiet ma jmorrux flimkien. Il-Perit jew jesigi li jithallas it-tnejn fil-mija (2%) skond Tariff K u f’dan il-kaz imbaghad tidhol il-kwistjoni ta’ porzjonament ta’ tnejn fil-mija (2%) bejn il-kuntrattur u s-sid jew inkella, jkun hemm ftehim partikolari u fil-kaz ta’ l-ahhar japplika biss il-ftehim partikolari.

Fil-kaz odjern jirrizulta illi kien hemm kuntratt milhuq bejn il-partijiet u l-FTS u fl-ebda hin ma kien hemm ftehim mas-socjeta' attrici u konsegwentement it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ammont li gie pretiz mill-Perit Sammut tas-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm388.77c) sabiex huwa jkun jista' jirrilaxxa l-Bills of Quantities ma kienx gustifikat. Huwa kien kuntrattwalment marbut ma' l-FTS u kellu joqghod ghall-istipulazzjonijiet ta' l-istess kuntratt u xejn aktar. Qatt ma kellu jedd li jzomm il-hrug tal-Bills of Quantities qabel ma jithallas l-ammont ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm388.77c). Jekk il-Perit hassu li ma giex sodisfacentement ikkumpensat ghal xoghlu, huwa messu ra din il-vertenza ma' min kien inkarigah, cjoe' ma' l-FTS u mhux jesigi hlas addizjonali minghand is-socjeta' attrici.

Konsegwentement it-talba attrici fil-mertu ghandha tigi akkolta u jibqa' biss sabiex jigi determinat jekk ghandhiex tapplika t-talba ta' l-atturi ghall-imghaxijiet mid-data tal-hlas.

It-Tribunal ma jidhirlux illi kien hemm xi malizja jew xi malafede partikolari da parti tal-konvenut fil-kaz odjern sal-mument li rcieva l-flus. Il-*culpa* tibda tissussisti mill-mument li l-konvenut jirrizulta li gie debitament notifikat b'att gudizzjarju. Fl-atti hemm esebita kopja nformi ta' Ittra Ufficjali ta' l-20 t'Ottubru, 2003 izda m'hemm l-ebda ndikazzjoni meta tali Ittra Ufficjali giet notifikata u ghalhekk it-Tribunal ikollu joqghod fuq id-data tan-notifika ta' l-Avviz odjern u cjoe', 8 ta' Lulju, 2004.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm388.77c) bl-interessi mit-8 ta' Lulju, 2004 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------